31 ta' Mejju, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Giuseppe Agius *versus* Carmelo Xuereb

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Kuntrattur tal-Bini — Ħanut — Art. 2 u 13 tal-Kap. 109**

*Fond mikri lil kuntrattur tal-bini biex fih ipoġġi l-għodda tas-sengħa tiegħu, u li huwa adibit għal dan l-użu, huwa protett mill-Liġi tal-Kera bħala "ħanut"; u għalhekk dan l-użu huwa ostattiv għat-talba tal-lokatur ta' dak il-fond biex jieħu lura taħt idejh l-istess fond.*

Il-Qorti;—Rat ir-rikors quddiem il-Board li Jirregola l-Kera ta' Giuseppe Agius, li biħ, billi għandu bżonnha għall-użu tiegħu, talab li jirriprendi pussess tar-remissa nru. 5 Lapsi Street, St. Julian's, mikrija lill-intimat Carmelo Xuereb, li tintuża għall-għodda, u fiha l-intimat idaħħal ukoll il-karrozza tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera tas-6 ta' April 1957, li biha ġiet miċħuda t-talba, bl-ispejjeż bla taxxa; billi l-Board ikkunsidra;

Irriżulta mill-provi li l-intimat huwa kuntrattur tal-bini u fir-remissa msemmija fir-rikors huwa jżomm għodda tas-sengħa tiegħu tal-bini, bħal ma huma tavluni, slielem, ħadid, "winch", u affarijiet simili. Irriżulta wkoll li l-intimat kera r-remissa għal dak l-iskop, u mill-ewwel beda jużaha għalhekk. Infatti l-istess rikorrent fir-rikors tiegħu jgħid illi r-remissa tintuża biex jitpoġġew fiha l-għodda; u fix-xhieda tiegħu qal:— "Il-post krejtulu biex ipoġġi biċtejn għodda biss, u ma għidtlux biex ipoġġi dak li jrid";

Ma hemmx dubju li l-għodda li l-intimat ipoġġi fir-remissa in kwistjoni, u li għal dan l-iskop huwa kien kriha, huma konnessi *mal-arti* jew *sengħa tiegħu ta' bennej*; imma huwa, billi jżomm dawn l-għodda fir-remissa, mhux qiegħed jeżerċita l-arti jew sengħa tiegħu f'dik ir-remissa. Il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Marzu 1950 in re "Salvatore Seychell versus Carmelo Savona", (Kollez. Vol. XXXIV-I-89), qalet hekk:— "...... huwa fatt li f'dik ir-remissa l-appellant mhux juża r-remissa la biex ibigħ fiha, u lanqas biex fiha jeżerċita ebda sengħa jew arti"; u laqgħet it-talba tar-rikorrent għar-ripreża tar-remissa. Però, l-istess Qorti tal-Appell, f'sentenza tagħha reċentissima, ċjoè tat-8 ta' Frar 1957, in re "Giuseppe Caruana vs. Nazareno Bugeja", irriteniet hekk:— "Illi, skond l-imsemmija dispożizzjoni tal-art. 2 (Ord. XXI tal-1931 — Kap. 109), l-espressjoni "ħanut" tikkomprendi anki fond ieħor prinċipalment użat għal xi arti jew sengħa. Mill-provi rriżulta li l-fond in kwistjoni jinsab adibit unikament għad-depożitu ta' inġenji tas-sajd tal-appellat. Dawk l-inġenji huma ta' valur konsiderevoli, u huma attinenti għas-sengħa ta' sajjied tal-istess intimat, u l-post fejn jinsabu għandu jitqies bħala post fejn qiegħed jiġi eżerċitat il-mestjer tas-sajd da parti tal-appellat, u kwindi kompriż taħt id-definizzjoni ta' 'ħanut' skond id-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija. Hekk ġie deċiż f'każ analogu minn din il-Qorti (17 ta' Ġunju 1955 in re "Gatt vs. Spiteri"); u għalhekk dak l-użu tal-fond huwa ostattiv għad-domanda mressqa mill-appellant għar-ripreża tal-pusses tiegħu";

In bażi għal din is-sentenza aktar reċenti tal-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, ir-remissa msemmija fir-rikors għandha tiġi kunsidrata rientranti fid-definizzjoni ta' ħanut; u għalhekk bħala fond protett mill-liġi, skond l-art. 13 tal-Kap. 109;

Rat ir-rikors ta' Giuseppe Agius, li biħ dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Board li Jirregola l-Kera tas-6 ta' April 1957, u talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u l-laqgħa tat-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi, kif sewwa rritjena l-Board, il-kelma "ħanut" fil-liġi applikabbli għall-każ tikkomprendi wkoll fond ieħor użat prinċipalment għal xi arti jew sengħa (art. 2 Ord. XXI tal-1931). Fil-każ in kwistjoni, il-maħżen huwa użat biss għall-ħażna tal-ordenii tas-sengħa u mpriża tal-intimat, u bħala tali għandu jitqies bħala post fejn l-intimat jeżerċita s-sengħa tiegħu. F'das-sens hija l-ġurisprudenza tagħna taż-17 Ġunju 1955 in re "Gatt vs. Spiteri", tat-8 ta' Frar 1957 in re "Giuseppa Caruana vs. Nazareno Bugeja", u tal-lum stess in re "Albanozzo vs. Spiteri". Għalhekk, skond l-art. 13 tal-Ordinanza fuq imsemmija, it-talba tar-rikorrent appellant ma tistgħax tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.

---